# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 6/2020

24 ta' Gunju, 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6..2.1 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update rigward ref punt 4.3.1 (slow signs) fejn il-Kunsill tagħna flimkien ma' madwar erbgħin kunsill lokali ieħor urejna interess sabiex nieħdu sehem f'din l-inizzjattiva mressqa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega illi l-ispiża sabiex isir l-istudju fil-lokal hija ta'€3,000 li kien ser iħallashom ir-Reġjun Nofsinhar. Huwa qal li l-AKL iffirma *memorandum of understanding* ma' Transport Malta pero' finalment id-deċizjoni finali liema triq jew toroq ser jingħalqu għat-traffiku ser tkun assolutament f'idejn il-Kunsill Lokali.

6.2.2 Is-Sindku qal illi rigward ref 5.3.4 (provvista tal-ilma għal ġiebja ta' Ġnien Sir Alexander Ball) kien kellem lill-persuna li ssuġġerixxa li l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla u l-istima li kien tah kienet €200 orħos mill-istima li kellna. Kunsill qabel li mmexxu fuq din l-istima.

6.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 5.3.5 (save Front Save l-Għadir) il-laqgħa kienu attendew is-Sur Alexis Callus u s-Sur Saviour Sammut fejn kienu tawna l-analiżi tal-ilment li kienu tellgħu. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa kienu qed jissuġġerixxu illi r-Reġjuni għandhom ikollhom persuna addatatta li tkun intiża fuq l-ambjent sabiex jekk jinqalgħu problemi l-kunsilli jkollhom persuna esperta għand min jirrikorru. Hawn is-Sindku spjega kif ser jinqasmu r-Reġjuni u li l-Kunsill ta' Ħal Safi ser ikun taħt amministrazzjoni ta' Reġjun ġdid.

6.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 5.5.6 (tabella fejn il-borehole) jekk konniex sibniha fil-garaxx. Is-Sindku qal illi peress li ma kinitx fil-garaxx konna ordnajna waħda ġdida.

6.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-palm li hemm fil-Misraħ jekk hux ser jinżabar. Is-Sindku qal illi tac-cherry picker kien qallu li ma laħħaqx u l-ideal naraw mal-*Cleansing Department* jekk jistgħux jagħmluh huma.

6.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 5.5.10 (fanali li hemm fejn iċ-ċimiterju) dawn huma tal-EneMalta u għalhekk il-Kunsill kien bagħatilhom ir-ritratti fil-viċin sabiex jirrinġawhom.

6.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 5.6 (Sejħa ghal Attendant għal Ġnien ta' Ball) kien qal illi ser jissuġġerixxi l-lista ta' doveri li għandu jagħmel u li fil-fatt kien diġa' bagħatha.

6.2.8 Is-Sindku qal illi rigward ir-restawr tal-ħajt tal-Ġnien ta' Ball il-Kunsill kien ser jagħmel laqgħa mal-Kuntrattur.

6.2.9 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 5.9 (roundabout Karwija) kien iltaqa' ma rappreżentant mill-*Malta Environmental Landscape Projects* sabiex niddiskutu l-possibbilita' illi ċertu

xogħolijiet jagħmluhom huma. Is-Sindku qal illi hemm possibilita' kbira illi nirċievu xi tip ta' għajnuna.

6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa pubblika. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.4.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.4.1 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update fuq ix-xogħolijiet tat-toroq. Huwa qal illi x-xogħolijiet fi Triq San Ġwann kienu avvanzaw u li x-xogħolijiet fi Triq it-Tellerit kienu imminenti li jibdew.

Il-Viċi Sindku qal illi hekk kif qed isiru x-xogħolijiet fi Triq San Ġwann kien hemm *inspaction box* tħabbat naqra l-isfel minn fejn ser jispiċċa t-tarmac sabiex jekk inhu possibbli tigi rranġata.

Is-Sindku qal illi ghal fatt illi Triq il-Kaccaturi ma kinitx fi stat ħazin allura konna qed nippruvaw li ssir Triq San Pawl minn fejn il-Każin. Is-Sindku qal illi peress li issa ser issir il-festa, jissuġġerixxi li ma tibdiex għalissa.

Is-Sindku qal li l-isqaq li jinsab wara l-Ġnien ta' Ball kien tlesta wkoll u li kien beda x-xogħol fl-isqaq tal-Ġarra.

Is-Sindku qal illi rigward Sqaq San Pawl Nru 1 il-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta. Huwa qal illi peress li dan l-isqaq kien viċin iċ-ċentru tar-raħal ma kellux isir minn tarmac iżda minn *stencil concrete*. Il-Kunsill qabel.

6.4.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva konferma rigward l-applikazzjoni li konna tfajna that Mizura 3 Promotion of Cultural Heritage u li l-Kunsill kien ser jibbenfika is-Somma ta' €8937.

6.4.3 Is-Sindku qal illi xtaq ifakkar il-Kunsilli rigward l-Bar-b-que li kienu qed jorganizza l-Assocjazzjoni ghall-Kunsill Lokali.

6.4.4. Is-Sindku qal illi l-Festival tan-Nar li kien ser jigi organizzat minn Reġjun Nofsinhar kien ser isir nhar is-Sibt 19 ta' Settembru.

6.4.5 Is-Sindku qal illi kienet avviċinatu persuna mill-pjazza fejn faħħret lill-Kunsill tal-inizzjattiva li nduru l-fanali li għandna mar-raħal. Huwa qal illi hija kienet qed tissuġġerixxi illi l-uniku bozza li kien fadal fil-pjazza tinbidel u minflok isir fanal.

Il-Viċi Sindku qal illi din il-bozza qegħda tagħti aktar dawl milli ser ikun qiegħed jagħti l-fanal. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel illi meta jsir il-fanal, il-bozza m'għandix titneħħa

mill-ewwel sabiex naraw jekk ikunx hemm xi lmenti minn-naħa tar-residenti tal-madwar minnħabba nuqqas ta' dawl.

6.4.6 Is-Sindku qal illi f'Lulju l-Kunsill dejjem kien jorganizza d-dawra ma Malta bil-Captain Morgan. Huwa ssuġġerixxa li din is-sena issir xi ħaġa differenti u minflok il-Kunsill jorganizza *weekend break* f'Awwissu. Is-Sindku qal illi diga' kien gab xi stimi għal din l-attivita' u d-dati tal-istess weekend break ikunu bejn is-7 u d-9 ta' Awwissu, 2020. Il-Kunsill qabel.

6.4.7 Is-Sindku qal illi l-kumpanija Faces kienu bagħtu komunikat illi kienu sabu post fejn jista' jeħel l-uniku *bus shelter* fil-lokalita' ta' Hal Safi. Huwa għadda kopja tas-*site plan* fejn ġie propost il-*bus shelter* u qal illi fl-opinjoni tiegħu ma kienx jagħmel sens illi jsir *Bus Shelter* hemm ghaliex id-direzzjoni kienet sejra lejn iż-Żurrieq u l-*bus stop* tintuża biss sabiex jinżlu n-nies. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel illi m'għandux jeħel dan il-*bus shelter*.

6.4.8 Is-Sindku qal illi persuna minn Triq San Pawl, Sqaq Nr 2 kienet avviċinatu għaliex xi hadd irresponsabbli kien qed iħalli l-karozza pparkjata fl-isqaq u kien hemm bżonn li tiġi ambulanza u ma setgħux jidhlu għall-persuna minhabba f'hekk. Is-Sindku qal illi din il-persuna kienet qed tissugerixxi illi l-Kunsill jaghmel hadida fl-isqaq sabiex ma jsirx ipparkjar fl-istess sqaq u tabella li tindika loading u unloading biss. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u qabel illi għandna nordnaw u nwaħħlu ħadida u tabella (loading/unloading only) fl-isqaq, l-istess bhal ma għandna fi sqaqien oħra, u nibagħtu ittra lir-residenti kollha tal-isqaq li ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi fl-isqaq.

6.4.9 Is-Sindku talab illi tieqaf il-laqgħa fl -6.42pm sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħżel is-sample għal-pavimentar li għandu jsir f'Ġnien Sir Alexander Ball. Il-Kunsill ħareg mill-kamra għas-seduti u qabel fuq is-samples.

Il-laqgha kompliet 6.50pm

6.4.10 Is-Sindku qal illi minħabba li nċident li seħħ mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali, l-Kappillan kien qiegħed jissuġerixxi forsi jsiru bollards mal-faċċata sabiex ma jerġax ikun hemm incidenti simili. Il-Kunsill iddiskuta pero' ma qabilx li jsiru l-bollards ghaliex dan kien incident ta' darba.

6.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

6.5.1 Il-Vici Sindku s-Sur Francis Callus qal illi kien talab sabiex isiru double yellow lines fi Triq Hlantun ghaliex kien qieghed ikun difficli wisq sabiex johrog il-vann mill-garaxx,.

6.5.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fit-truf tat-toroq Tellerit, Summien u Salvu Cauchi fejn jingħaqdu ma Triq il-Kuċċard kien hemm gandott ikrah minħabba l-

karozzi. Is-Sindku qal illi hemhekk għadhom iridu jsiru x-xogħolijiet mill-kuntrattur ta' Triq il-Kuċċard ta' Infrastructure Malta.

6.5.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fejn iċ-ċimiterju kien hemm bżonn tażżbir.

6.5.4 Il-kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla qalet illi f'Ta' Gawhar kien hemm bżonn tindifa.

6.5.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi lejn Birżebbuga kien hemm tabella mqaxxra sabiex tinbidel.

6.5.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq San Ġorġ kien twaħħal permess u għalhekk kienet qed tistaqsi jekk kienx privat. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva komunikat mill-MEPA illi kien hemm applikazzjoni sabiex issir trejqa pubblika.

6.5.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiex jekk kinitix ħarġet l-applikazzjoni minħabba l-fondi għal għajnuna minħabba l-annimali. Is-Sindku qal illi kien infurmat illi s-sejħa għandha terġa' toħroġ.

6.5.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi peress li issa kienu ġew rilaxxati l-miżuri minħabba l-Covid-19, il-Kunsill seta' jerġa' jibda jorganizza xi attivitajiet speċjalment minħabba l-grupp tas-*Systems of Knowledge*. Il-Kunsill qabel.

6.5.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-proġett tar-*Roundabout* tal-Karwija għadux ser isir. Is-Sindku qal illi diġa kien hemm il-qbil li ssir u li konna daħħalna l-applikazzjoni sabiex naplikaw għal għajnuna li kien hemm mill-iskema 'Sebbaħ il-Lokal' u fondi mid-Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

6.5.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi xtaq li l-Kunsill jirranġa l-ħitan tas-sejjieħ li jinsabu fil-Karwija għaliex fil-fehma tiegħu huma diżażtru. Il-Kunsill iddiskuta xi suġġerimenti pero' l-problema tibqa' li huma ħitan privati.

6.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien daħal ilment mid-Dipartiment illi persuna li toqgħod l-isfel miċ-ċimiterju kienu ilu diversi snin jitlob lil Kunsill sabiex isir xi ħaġa minħabba l-periklu li kien qed isib sabiex joħroġ mir-razzett tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet spjegat lid-Dipartiment illi kienu saru diversi tentattivi sabiex il-Kunsill jiprova jnaqqas u jtaffi din il-problema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din id-darba kien qed jitlob li jsiru barrikati sitt piedi l-barra mir-razzett tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel illi bħal l-okażżjonijiet preċidenti l-Kunsill għandu jikkonsulta ma Transport Malta fuq din it-talba.

6.6 Extension tal-Kuntratt tal-*Bulky Refuse*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kuntratt tal-*Bulky Refuse* kien għall sentejn b'possibilita' ta' extension għal sentejn oħra. Il-Kunsill iddiskuta l-kuntratt tal-Bulky Refuse fejn kulħadd qal li kien sodisfatt għax-xogħol li kien qiegħed iwettaq. Il-Kunsill qabel unanimament għal extension ta' sentejn oħra tal-Kuntratt tal-*Bulky Refuse*.

6.7 Approvazzjoni tal-Management Letter.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi kienet qiegħda tippreżenta r-risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Management Letter sabiex tintbaghat lil N.A.O.

6.8 Korrispondenza

Il-Kunsilliera iddiskutew xi punti mill-korrispondenza.

6.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

6.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-8.39pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju, 2020 fil-5:00 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Ezekuttivi |